MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2011

Numru. 1408/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Brian Pulis**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Brian Pulis detentur tal-karta tal-identita` numru 11578(M).

Akkuzat talli:
F’dawn il-Gzejjer, fid-29 ta’ Settembru 2006 jew fil-jiem ta’ qabel, ikkorrompa lil Francis Catania, ufficjal fid-Direttorat tal-Licenzji, u dan sabiex Francis Catania jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir

b’mezz ta’ rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-ezami l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu.

Ghaldaqstant, u wara li rat l-Artikoli 42, 43, 185(1), 115(c), 120(1) u 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat Brian Pulis hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin. Inoltre u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed timponi u tikkundanna lill-istess imputat interdizzjoni perpetwa, kif ukoll interdizzjoni milli l-imputat jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f’kull kaz li jkun.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------